MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 586/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**GEORGE ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

George Zammit ta’ 59 sena, bin Joseph u Gorge nee’ Gauci, mwieled Qormi nhar il- 15 ta’ Mejju 1951, residenti 327, Triq l- Imdina, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 492951(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 25 ta' Frar 2009 ghal habta tas- 14.15hrs gewwa Triq l- Ifran Valletta, waqt li kien fil- kontroll ta' vettura tal- ghamla Ford Transit bin- numru ta' registrazzjoni GMY 052, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Victor Chircop detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 378267(M);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi, ghalkemm l-imputazzjoni ggib maghha piena massima ta' sena prigunerija, fl-eventwalita' li l-offizi involontarji huma gravissimi, l-Avukat Generali ma tax il-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi c-certifikat mediku tal-vittma tal-incident, Victor Chircop, juri offizi gravi izda mhux gravissimi, u ghalhekk il-piena massima li jista' jehel l-imputat hija ta' sitt xhur prigunerija;

Rat illi l-kawza giet hekk sommarja peress illi taqa' fil-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------